**27 ta' Marzu, 1996**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Francis Vella *et noe*

*versus*

David Warrington *noe*

## Ritrattazzjoni - Applikazzjoni Ħażina tal-Liġi

*Fl-ewwel kawża l-konvenut eċċepixxa l-karenza ta' interess ġuridiku fil-persuna ta' l-attur. Fis-sentenza attakkata l-Qorti ttrattat u ddeċidiet l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimita' tal-persuna, li hija eċċezzjoni għal kollox differenti mill-eċċezzjoni mogħtija.*

*Dan hu allura każ ovvju fejn il-Qorti applikat il-liġi l-ħażina għall-fatti quddiemha, u mhux li interpretat ħażin il-liġi li kienet tapplika għal dawk il-fatti.*

*Hu allura ċar li l-kawża timmerita li tkun trattata mill-ġdid billi tissodisfa r-rekwiżit tas-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12.*

Il-Qorti:-

Din hi talba għar-ritrattazzjoni ta' sentenza preliminari fil-kawża fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Ġunju, 1994;

"Il-Qorti:

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-12 ta' Jannar, 1989;

*Omissis*";

F'dik is-sentenza allura l-Qorti ta' l-Appell irrespinġiet l-aggravju ta' l-appellant ta' nuqqas ta' interess ġuridiku ta' min kien qed jagħmel il-kawża;

L-appellant f'rikors quddiem din il-Qorti ssottometta illi din is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tikkostitwixxi applikazzjoni ħażina tal-liġi u ġiet ibbażata fuq żball li jirriżulta mill-proċess u għalhekk hemm lok li l-kawża tiġi ritrattata a tenur ta' l-artikolu 811 (e) u (l) tal-Kap. 12 u li din it-talba trid qabel xejn tiġi determinata minn din il-Qorti;

__Fir-rigward tas-subinċiż (l)__ l-appellant *issottometta illi*

"Qabel xejn l-appellant *jirrileva* illi l-Qorti ta' l-Appell qalet illi l-aggravju ta' l-appellant kien li "s-soċjeta' ssurrogata fid-drittijiet tas-soċjeta' Aluminium Extrusions Limited ma kinitx is-soċjeta' attriċi A.V. Bartoli & Sons (Insurance Services) Ltd. iżda Legal & General Assurance Society Ltd.

Illi fil-fatt l-appellant ma qalx hekk. L-appellant qal illi s-surroga ta' l-Aluminium Extrusions Limited kienet favur "Legal and General Assurance Society Ltd." filwaqt illi l-kawża ġiet preżentata f'isem "Legal and General Assurance Services Limited". Ċjoe' ġie ssurrogat *titus* mentri l-kawża ġiet istitwita minn *sempronius*";

__Fir-rigward tas-subinċiż (e)__ l-appellant jissottometti illi:

"Illi l-Qorti ta' l-Appell imbagħad għaddiet biex iddeċidiet li din l-eċċezzjoni tikkostitwixxi eċċezzjoni fuq il-kapaċita' ta' l-attur taħt l-artikolu 780 ta' 'l fuq imsemmi Kodiċi u li din l-eċċezzjoni missha tqajjmet *in limine litis*;

Illi effettivament l-aggravju ta' l-esponenti speċifika biċ-ċar illi l-eċċezzjoni tiegħu hija waħda ta' "nuqqas ta' interess ġuridiku"

ta' l-attur u bir-rispett kollu lejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell l-azzjoni tal-leġittimita' ma għandha x'taqsam xejn;

L-esponenti ma kienx qed iqajjem dubbju dwar jekk l-attur kellux kapaċita' legali li jiftaħ kawża. Ma kienx qed jattakka d-disabilita' li jħarrek jew li jiġi mħarrek. La fl-appell u lanqas waqt it-trattazzjoni ma sar aċċenn għal dan il-punt;

Difatti s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienet sorpriża totali stante illi l-argumenti u punti minnha ssollevati dwar l-artikolu 780 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili qatt ma ssemmew u wisq inqas ġew trattati;

Illi l-interess ġuridiku għandu jissussisti tul il-kawża u jekk f'mument min jippromuovi l-azzjoni ma jkollux iktar l-interess ġuridiku li tirrikjedi l-liġi, ma jkunx jista' jkompli bil-kawża;

Difatti tali eċċezzjoni tista' titqajjem fi kwalunkwe stadju u hemm diversi kawżi fejn eċċezzjoni ossia aggravju simili għal dak propost mill-esponenti tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti ta' l-Appell u ġie trattat taħt il-kappa ta' interess ġuridiku u mhux bħala eċċezzjoni taħt l-artikolu 780, fuq imsemmi;

Hawn mhux il-każ kontemplat fl-artikolu 780 li xi ħadd qed jagħmel kawża f'isem ħaddieħor meta ma kienx awtorizzat. Hawn si tratta ta' każ fejn il-persuna f'isem min qed issir il-kawża (Legal and General Assurance Services Ltd.) ma għandhiex interess ġuridiku li tippromuovi l-azzjoni";

Fis-seduta tat-18 ta' Ottubru, 1995 ġie reġistrat illi l-Avukat Dottor Carmelo Mifsud Bonnici għall-attur appellat iddikjara li

kien **qed jaderixxi** għat-talba għar-ritrattazzjoni tal-parti l-oħra. *Quantum sufficit.*

Naturalment, una volta si tratta ta' rimedju proċedurali eċċezzjonali li jinvolvi li l-Qorti teżamina mill-ġdid il-proċedura quddiemha li wasslu għas-sentenza impunjata, jispetta lil din il-Qorti li tiddeċidi jekk kinux verament jokkorru ċirkostanzi li jiġġustifikaw ir-ritrattazzjoni. Dana indipendentement minn kull ftehim bejn il-partijiet, b'dana pero', li hu ovvju illi fejn il-kontendenti jaqblu wieħed għandu jifhem li hemm il-*fumus* li l-proċeduri jimmeritaw li jiġu trattati mill-ġdid;

Hekk hu infatti l-każ in eżami;

Jingħad biss li l-artikolu 780 tal-Kap. 12 jipprovdi li: "l-eċċezzjoni dwar l-illeġittimita` ta' l-attur jew tal-konvenut tista' tingħata meta l-wieħed jew l-ieħor **huma inkapaċi, skond il-liġi, biex joqgħodu f'kawża** inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi għal daqshekk";

Issa hu ovvju illi l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimita` tal-persuna li ġiet ittrattata u deċiża fis-sentenza attakkata qatt ma ġiet issollevata mill-konvenut u hi *toto coelo* differenti mill-eċċezzjoni ta' karenza ta' interess ġuridiku fil-persuna ta' l-attur li ġiet fil-fatt mogħtija. Fil-każ preżenti - mill-eċċezzjonijiet mogħtija - hu evidenti illi ma hemm ebda kwistjoni dwar il-**kapaċita' ġudizzjarja** ta' l-attur jew tal-konvenut jew dwar ir-rappreżentanza ġuridika tagħhom tal-persuna li għalihom jista' jkun qed jidhru fil-kawża (Vol. XLVII, P.I, p.322);

Dan hu allura każ ovvju fejn il-Qorti applikat il-liġi l-ħażina għall-fatti quddiemha, u mhux li nterpretat ħażin il-liġi li kienet tapplika għal dawk il-fatti. Il-Qorti applikat il-liġi l-ħażina meta ddeċidiet dwar l-eċċezzjoni mogħtija u mhux applikat il-liġi t-tajba b'mod ħażin. Hu allura ċar li żgur li l-kawża timmerita li tiġi trattata mill-ġdid in kwantu tissodisfa r-rekwiżiti tas-subinċiż (e) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12 (ara **Xuereb** *vs* **Xuereb**, 20/1/92; **Micallef** *vs* **Pavia**, 8/11/93; **Borg** *vs* **Giordimaina**, 19/1/96; **Caruana** *vs* **Gauci**, 3/7/91 - kollha deċiżi minn din il-Qorti u oħrajn);

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża fuq imsemmija u tiddiferixxi l-istess kawża għal dan il-fini;

Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.